# Maqbuda fl-Imħabba

## minn Madeline Micallef

Xbejba żagħżugħa,
mixħuta fuq blata,
bħal m'hemm ġo qalba,
tistenna 'l maħbubha.

Dik ix-xewqa li għandha,
li tarġa' tiltaqa',
mal-maħbub li għandha,
jistaħba ġo qalba.

Tiftakar fil-ħarsa,
kiesħa u bierda,
li kien taha maħbubha,
kollha qilla għall-imħabba.

Dix-xbejba lesta,
li tiftaħ il-gaġġa,
u tħalli l-imħabba,
tiġġerra 'l barra.

Din ix-xbejba li għandha,
il-ġenn biex tara,
'il maħbubha jitfaċċa,
barra darha.

Kull lejl li jgħaddi,
tispiċċa tiċċassa,
lejn kwiekeb,
imlewna mudlama.

L-istilel li tara,
tqabbilhom ma’ qalbha,
tipprova tifhem,
għala din l-imħabba.

Din il-logħba li jilgħab maħbubha,
li dejjem jistaħba,
‘il bogħod minn qalbha,
Biex jiskarta din l-imħabba.

Ix-xbejba żagħżugħa,
tipprova tidfen,
ġo fiha l-imħabba,
li tħoss ġewwa qalbha.

Skopriet għala,
din l-imħabba hi dgħajfa,
għaliex maħbubha,
ma jafx dwarha.